# Il-Ħadd 22.05.2016

1. Illum 22/05, **it-Trinità** ***u Jum l-Ewwel Tqarbina***:
   - Fid-8:45am it-tfal tal-Preċett jinġabru l-MUSEUM tal-bniet fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:00am tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina. Nifirħu u nitolbu għat-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 7 subien u 11 bniet. Nappellaw biex kulmin hu involut ikun f'postu minn tal-anqas kwarta qabel.

2. Mit-Tnejn 23/05 sal-Ħamis 26/05:
   - L-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun **magħluq filgħodu** minħabba li bħala saċerdoti fid-dmir li nkunu preżenti għall-Kors ta' Aġġornament tal-Kleru li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.

3. Il-Ħamis 26/05:
   - Fis-7:00pm - Quddiesa fil-bitħa tal-Museum tal-Subien għall-ġenituri u t-tfal (subien u bniet) li jattendu d-duttrina u li fiha nagħmlu l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. It-tfal tal-Ewwel Tqarbina jingħataw tifkira tal-Preċett u domna tal-Madonna.

4. Is-Sibt 28/05:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 29/05, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:
   - Fil-5:00pm – Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm – Quddiesa solenni ċċelebrata minn Kan. Jesmond Manicaro bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda u animata mill-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-6:45pm – Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, li tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

6. It-Tlieta 31/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers matul il-ġimgħa li ġejja.

7. Avviżi oħra:
   - Għad fadal xi postijiet għall-Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 25/07 u s-Sibt 30/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 45 bħala donazzjoni għar-restawr tan-niċċa u l-bankun ta' San Pawl. Grazzi.